MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Rikors Numru. 191/2012

**HSBC Bank Malta p.l.c (C 3177)**
**vs**
**Avv. Martin Fenech u P.L Joeline Pace Ciscaldi bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Michael Abela (passaport numru 209990896) u martu Kathleen Abela (passaport numru 156337432)**

Il-Qorti :

Rat ir-rikors guramentat tat-22 ta’ Frar 2012, tas-socjeta’ HSBC Malta p.l.c., li jaqra hekk:

*“Illi permezz tal-kostituzzjoni ta’ debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa datat 13 ta’Mejju 2008 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok.HSBC I) l-intimati Michael u Kathleen konjugi Abela ikkostitwew ruhhom bhala vera, certi u likwidi debituri tas-socjeta’ rikorrenti;*

*Illi wara li saru diversi pagamenti, l-initmati konjugi Abela baqghu debituri tas-socjeta' rikorrenti u ghaddew izjed minn tliet (3) snin mid-data tal-kuntratt sucitat u s-socjeta' rikorrenti qedgha titlob l-awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta'Malta ssabiex tezegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-initmati konjugi Abela ghal-bilanc li ghadu minnhom dovut;*

*Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu ezekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tliet (3) snin mid-data ta' l-istess kuntratt u li dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti ghandu "jikkonferma bil-gurament x-xorta tad-dejn .. li jkun l-ezekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut."*

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr. Martin Fenech u PL Joeline Pace Ciscaldi tal-31 t'Ottubru 2012 li taqra hekk:

*1. "Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti kollha;*

*2. Ir-rikorrenti ghandhom jiddikjaraw jekk jafu jekk ghandhom xi indirizz tal-intimati assenti."*

Rat it-tieni risposta tal-kuraturi deputati Dr. Martin Fenech u PL Joeline Pace Ciscaldi tal-4 t'April 2013 li taqra hekk:

1. *“Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti;*

2. *Illi l-esponenti jitolbu lir-rikorrenti jiddikjaraw jekk ghandhomx xi indirizz ta’ Kathleen Abela u Michael Abela sabiex jistghu jigu kkuntattjati.”*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti;

Rat l-atti tal-kawza;

Rat il-verbal tat-12 ta’ Dicembru 2012 , fejn il-kuratur Dr. Martin Fenech irremmetta ruhu ghal konteggi imhejjija mill-HSBC Malta p.l.c. u in vista tad-dikjarazzjoni ta’ Dr. Zammit Demicoli (vide fol 12 u 13), ddikjara illi ma kellux provi x’jipproduci;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet ;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi tal-bank rikorrenti, precizament mix-xhieda ta’ Dr. Silvana Marie Demicoli tat-8 t’Ottubru 2012, a fol 12, gie sodisfacentement stabbilit u pprovat l-ammonti precizi mitluba mill-bank u l-konteggi tal-interessi. Dr. Demicoli kkonfermat ukoll illi ma nbidel xejn mid-data tar-rikors promotorju . Gie ezebit ukoll rendikont tal-ammonti dovuti permezz ta’ Dok. HSBC II (vide fol 15 sa 17).

Illi minkejja l-ahhar eccezzjonijiet fin-nota tal-15 t’April 2013 da parti tal-Kuraturi Deputati li gew intavolati wara t-trattazzjoni finali u ma jidihrx li hemm prova ta’ notifika, din il-Qorti issegwi dak li gie ritenut fis-sentenzi **HSBC Malta plc vs Charmaine Saliba deciza fis-27 ta’ Settembru 2012 per Imhallef Dr. J.R Micallef** u **Bank of Valletta p.l.c vs Nazzareno u Mary Grace mizzewgin Borg**

**deciza fl-20 ta' Novembru 2012 per Imhallef Dr. M Chetcuti**:

***"Il-Qorti fil-kawza HSBC Malta plc vs Charmaine Saliba, deciza fis-27 ta' Settembru 2012 per Imhallef J.R. Micallef intqal illi l-artikolu tal-ligi in kwistjoni cioe l-artikolu 258 tal- Kap. 12 jirregola l-kwistjoni fejn il-ligi taghti l-fakolta lil min ikollu titolu ezekuttiv li tghaddilu l-hajja li fih tista' ssir l-ezekuzzjoni tieghu li tali titolu jista' jigi ravvivat b'din il-procedura.***

***Billi l-kwistjoni f'dan il-kaz kif kien fil-kaz precitat jitratta ta' kuntratt pubbliku (ghalkemm fil-kawza l-ohra kien self) ighodd ghalih id-dispositiv tal-artikolu 258 paragrafu (c) li jistabillix t-terminu ta' tlett snin minn dakinhar li fih skond il-ligi il-kuntratt seta' jigi ezegwit. U dan hu l-qofol talkwistjoni quddiem din il-Qorti.***

***Kif qalet il-Qorti fil-kawza fuq imsemmija:***

***"Illi l-liġi tqis bħala titolu eżekuttiv, fost l-oħrajn, il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u li ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt[1]. Biex kuntratt jew titolu bħal dak ikollu effett eżekuttiv, il-liġi trid li jintbagħat att ġudizzjarju lid-debitur b'sejħa għall-ħlas u jkunu għaddew minn tal-anqas jumejn min-notifika lid-debitur ta' dak l-att ġudizzjarju[2]. Minn dak il-ħin 'l hemm, it-titolu jkun jista' jkun eżegwit bil-ħruġ tal-atti eżekutivi maħsuba fil-liġi bla ma jeħtieġ proċeduri oħrajn jew xi sentenza li tikkonferma li dak il-kuntratt sar eżegwibbli; ..."***

***"Il-fatt li l-bank ma baghatx ittra lid-debitur biex ihallsu lura d-debitu ma hu ta' ebda importanza ghal***

---

[1] Art 253 (b) tal-Kap.12
[2] Art 256 (2) tal-Kap.12

***din il-procedura ghax il-bank qed jitlob biss li t-titolu jerga' jinghata forza ghal ezegwibilita futura tieghu. Billi jidher li ghaddew aktar minn tlett snin minn meta seta' jigi ezegwit il-kuntratt, il-kreditur kellu jiftah din il-procedura immirata biss ghar-ravvivar tat-titolu ezekuttiv u konsegwentement u sussegwentement l-ezegwibilita tieghu skond l-artikolu 256(2) tal-Kap. 12..."***

***"Dan ir-rikors, pero, maghmul a bazi tal-artikolu 258 ma jridx irendi t-titolu ezekuttiv ezegwibbli u ghalhekk mhux applikabbli l-artikolu 256(2), izda irid biss li l-Qorti tirravviva t-titolu ezekuttiv qua titolu ezekuttiv biex il-kreditur ikun f'pozizzjoni li jirrendih ezegwibbli u dan ghax ghaddew tlett snin mindu seta' jigi ezegwit."***

Ghaldaqstant l-eccezzjonijiet tal-intimati inkluzi dawk kontenuti fin-nota t'eccezzjonijiet tal-15 t'April 2013 qed jigu respinti.

Illi di piu, l-provi migjuba mill-bank attur m'humiex kontradetti mill-intimati kif rapprezentati, u ghaldaqstant it-talba dedotta fir-rikors hija skond il-ligi.

Ghal dawn il-mottivi, u ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti, tilqa' t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------